IR-RESTAWR MINN BARRA TAŻ-ŻEWĠ KNEJJES MIT-TLIET KNEJJES F'ĦAL BALZAN

Mons. Gwann Dimech

Fost tant doni u rigali li hu mżejjen bihom il-bniedem hemm L-Għaqal. L-għaqal jirrifletti l-maturità ta' dak li jkun. U jekk il-bniedem hu mżejjen bil-għaqal, żgur li jibża' għal ħwejġu.

Qiegħed ngħid dan għaliex illum il-konsumiżmu u n-negozju tant jinfluwenzawna li jwassluna biex ma nibżgħux għal dak li jkollna u wara ftit taż-żmien narmuh biex nixtru ħwejjeġ ġodda.

Iżda fl-opri ta' arti dan ma' jistax isir għaliex jekk wieħed jittraskura u ma jibżax għax-xogħlijiet ta' arti, mhux la kemm tgħid li tibdel dak li għandek. Faċli li jispiċċa l-valur artistiku u kemm tintilef dik l-opra ta' l-arti u kemm tasal biex tintesa u jibqa' biss il-kliem....

Kellna dak il-kwadru, kellna dik l-istatwa, kellna dik il-pittura, kellna dik l-iskultura, jew kien hawn dak il-palazz storiku, kellna dak l-oġġett, u issa ma għandna xejn! Mur erġa' ġibhom... spiċċaw darba għal dejjem. Għalhekk hu ta' min ifaħħar lil dawk il-persuni li huma bil-għaqal u jibżgħu għal wirt missirijiethom, u meta jaraw opri ta' arti jew storiċi jirrestawrawhom biex kemm jista' jkun iżommuhom fi stat tajjeb u oriġinali. Kemm ili midħla ta' Ħal Balzan, dejjem ammirajt lil Valent is-sagristan li tant wera għaqal jipprova jżomm fi stat mill-aħjar dak li tippossiedi l-Knisja.

Illejla għandna okkażjoni li naraw xogħol ta' restawr minn barra li sar kemm lill-Knisja ta' Marija Annunzjata u kemm lill-Knisja ta' Santu Rokku. Minn ġewwa diġà sar restawr u tindif minn persuni dedikati Balzanin li jħobbu jaraw kollox miżmum tajjeb.

Qabel ma nidħol fl-istorja ta' kull waħda minn dawn it-Tliet Knejjes tajjeb li nwieġeb lil dawk li forsi jagħmlu l-mistoqsija: "Għaliex dawn il-knejjes inbnew hekk magħqudin u qrib xulxin?"

Kienet drawwa tas-seklu ħmistax, fil-gżejjer ta' Malta u ta' Għawdex, li jinbnew knejjes żgħar fi gruppi ta' tnejn, tlieta u xi drabi anki erbgħa, jew imissu ma' xulxin, jew qrib xulxin. (A. Lutrell — Ħal Millieri: A Maltese Casale, 1976, p.88.)

Eżempju ta' żewġ knejjes qrib xulxin huma dawk ta' San Nikola u ta' Santa Luċija ta' Ġnien il-Far fil-limiti ta' l-Imdina; ta' Santa Marija u ta' San Anard f'Ħal Kirkop; u dawk ta' San Bastjan u ta' San Mikiel Arkanġlu fl-Imqabba.

Eżempju ta' tliet knejjes, minbarra dawn ta' Ħal Balzan, insibu dawk ta' San Luqa, ta' San Pawl u ta' San Nikola f'Ħal Tarxien u tas-Salib, ta' San Mark, u ta' San Ġakbu fir-Rabat ta' Għawdex. (Achille Ferris p.146, 147)

Eżemplu ta' erba' knejjes ħdejn xulxin insibuhom f'Ħal Millieri, ir-Rabat ta' Malta u Ħaż-Żebbuġ.

F'Ħal Balzan

L-ewwel minn dawn it-tliet knejjes ta' Ħal Balzan kienet dik ta' Marija Annunzjata li nbniet fil-parti l-aktar popolata u fil-qalba tar-raħal. Din kellha tkun il-knisja prinċipali tar-raħal, u għalhekk kemm il-post u kemm il-kobor kellhom ikunu proporzjonati skond l-eżiġenzi ta' dawk iż-żminijiet. Dan nafuh tajjeb mill-ewwel tagħrif li għandna fuqha minn Mons. Pietru Duzina. Fil-viżta li għamel lil din il-knisja nhar l-1 ta' Frar 1575 hu jgħid li nbniet fis-seklu 16 u li kienet mill-bidu ddedikata lil Marija Annunzjata.

Il-Knisja minn barra

Minn meta din il-knisja nbniet sa llum, baqgħet tgawdi l-oriġinalità tagħha minn barra.

L-istil tal-faċċata huwa identiku ma' l-istil sempliċi ħafna li fuqu kienu jinbnew il-knejjes ta' dak iż-żmien. Ta' min jinnota l-blata tal-bieb li hija ffurmata minn arkipjan. Fuq il-bieb hemm tieqa tal-ħadid żgħira rettangulari bi grada tal-ħadid, u l-faċċata tispiċċa b'kampnar żgħir.

L-irħama ta' "Non gode l'immunità Ecclesiastica"

Fl-1798 il-Franċiżi neħħew l-immunità ekkleżjastika minn dawn il-gżejjer, u mbagħad il-Gvern Ingliż bi proklama ta' l-10 ta' April 1828 neħħa l-ġuriżdizzjoni ekkleżjastika f'kollox barra l-kawżi spiritwali. Neħħa wkoll l-immunità ekkleżjastika tal-postijiet billi waħħal il-kitba "Non gode l'immunità Ecclesiastica".

Il-gvern fittex il-konferma tas-Santa Sede u għalkemm il-Papa Ljun XII ma tahiex il-liġi saret xorta waħda.

Il-knisja minn barra skond il-viżti pastorali

- Nhar it-18 ta' Novembru 1615 l-Isqof Cagliares jgħid li l-bieb ta' barra ta' din il-knisja jħares lejn il-punent u li quddiemha hemm ċimiterju kbir u f'nofsu hemm salib fuq kolonna tal-ġebel.
- Nhar it-3 ta' Diċembru 1686 l-Isqof David Cocco Palmieri jgħid li din il-knisja kellha tliet bibien: il-prinċipali jħares lejn il-punent, it-tieni lejn in-nofsinhar li jagħti għal bitħa mdawra b'ħajt, u t-tielet iħares lejn it-tramuntana, u żied jgħid li minn dan il-bieb tgħaddi għal ġol-knisja l-oħra, dik ta' San Anard.

Il-Knisja minn ġewwa

Tista' tgħid li din il-knisja ma sarulha ebda alterazzjonijiet minn meta nbniet 'l hawn. L-unika ħaġa li wieħed għandu josserva hi li l-artal maġġur fil-bidu kien qiegħed mal-ħajt tal-faċċata u, wara ħafna żmien, l-aħħar ħnejja nqatgħet u l-artal tressaq 'il quddiem biex warajh setgħet issir sagristija.

Il-knisja fiha sitt ħnejjiet li huma ftit gotiċi. Minn waħda għal oħra hemm bank tal-ġebel.

Għadu jidher il-post fejn kienu l-bibien l-oħra li semmejt.

L-oqbra fil-knisja

Sa mill-bidu din il-knisja kellha għaxar oqbra kbar, u tnejn żgħar għad-dfin tat-trabi.

L-Isqof Lorenzo Astira fis-26 ta' Settembru 1673 jgħidilna li x'uħud mill-katavri li kienu midfunin f'din il-knisja kienu trasportati fil-knisja parrokkjali l-ġdida, fosthom dak ta' l-ewwel kappillan tal-parroċċa Dun Adrijanu Zarb.

L-artali

Il-Knisja kellha tliet artali. L-artal maġġur, dedikat lil Marija Annunzjata, l-Artal tal-Viżitazzjoni u l-artal ta' San Pawl l-Ewwel Eremita.

Il-kwadru titulari

Dan il-kwadru kien diġà f'postu fl-1615 , imdawwar minn ornamenti ta' l-injam kollha mpittra u indurati. Jissemma li taħt it-titular kien hemm kwadru trittiku bix-xbieha ta' Kristu fin-nofs, fil-lemin xbieha ta' l-Appostlu Missierna San Pawl u fix-xellug xbieha ta' San Ġwann Battista.

L-artal u l-kwadru tal-Viżitazzjoni

Fin-nofs xbieha ta' Marija Santissima u Santa Eliżabetta, fil-lemin Sant'Indrija Appostlu u fix-xellug xbieha ta' San Blas.

L-artal u l-kwadru ta' San Pawl l-Ewwel Eremita

Dan l-artal, li sas-sena 1601 kien iddedikat lil Marija Annunzjata, kien iddedikat mill-ġdid lil San Pawl l-Ewwel Eremita. Għalhekk sar kwadru trittiku ta' l-injam li fin-nofs kellu mpittra x-xbieha ta' Marija Santissima bit-tarbija Ġesù f'ħoġorha, fil-lemin ix-xbieha ta' San Pawl l-Ewwel Eremita u fix-xellug ix-xbieha ta' San Lawrenz Martri. Kien f'idejn il-Kommendatur Fra Dottor Ġużeppi Zammit ta' l-Ordni Ġerosolimitan.

L-artal tal-Madonna tar-Rużarju

Dan l-artal jissemma l-ewwel darba fil-viżta li għamel l-Isqof Balaguer fit-12 ta' Diċembru 1658, u kien ħdejn l-artal tal-Viżitazzjoni. F'din l-okkażjoni jissemmew il-fratellanza tas-Santissimu Sagrament li bdiet fl-1 ta' Frar 1575 fl-okkażjoni taż-żjara tal-Viżitatur Apostoliku Mons. Pietru Duzina fis-sena 1575 u twaqqfet kanonikament fit-22 ta' Mejju 1699, u dik tar-Rużarju Mqaddes li twaqqfet fl-1658 bil-permess ta' l-Isqof Balaguer.

Qabel ma' Ħal Balzan sar Parroċċa

Dak iż-żmien kien hawn żewġ knejjes jiffunzjonaw: il-knisja ta' Marija Annunzjata u dik ta' Santa Marija. Il-Viċi Parroku ta' Birkirkara kien nhar ta' Ħadd u fil-Festi jqaddes alternattivament, jiġifieri darba fil-knisja ta' Marija Annunzjata u darba fil-knisja ta' Santa Marija.

Il-Knisja tal-Lunzjata ssir Parrokkjali

Ħal Balzan inqata' minn Birkirkara u sar parroċċa għalih nhar l-14 ta' Awissu 1655. Dakinhar l-Ispof Mons. Balaguer għamel għażla għaqlija billi ħatar bħala l-ewwel kappillan lil Dun Adrijanu Zarb, ħu l-Vigarju Perpetwu ta' Birkirkara, Dun Ġwann Battista Zarb. L-ewwel Kappillan ta' Ħal Balzan ħa l-pussess nhar il-31 ta' Awissu 1655, sbatax-il ġurnata wara l-ħatra tiegħu. Din il-knisja serviet ta' Knisja Parrokkjali għal 40 sena.



ikompli f'paġna 12

ikompli minn paġna 11

1. Il-Fonti tal-Magħmudija

L-ewwel ma sar kien il-Fonti tal-Magħmudija. Dan kien tal-ġebel, mimli kollu skultura magħmula b'sengħa kbira. Kont titla' għalih minn żewġ tarġiet tal-ġebel u kien imdawwar b'għadd ta' balavostri tal-ġebel ukoll. Jingħad ukoll li kien magħmul *"Iuxta modernum usum"* (skond l-użu modern), għaliex kien maqsum f'żewġ partijiet, naħa fejn inżamm l-ilma tal-magħmudija u naħa fejn jaqa' l-ilma li jintefa' fuq ras it-tarbija. Aktar tard saret piramida fuq dan il-fonti. Ma' dan il-fonti jissemmew tliet reċipjenti tal-fidda, eleganti ħafna, li fihom kienu jinżammu ż-żjut tal-Griżma ta' l-Isqof u tal-Griżma tal-Morda u ż-żejt tal-Katekumeni.

2. It-Tabernaklu jiġi rranġat

Peress li t-Tabernaklu kien ta' l-injam u żgħir, meta li din il-knisja saret parroċċa tkabbar u kien indurat.

3. Jitkattru l-obbligi tal-knisja

Fil-viżta ta' l-4 ta' Diċembru 1601 insibu li l-knisja ngħatat biċċa art u dar biex bid-dħul minnhom ikunu jistgħu jsiru l-Għasar ta' lejliet il-Festa ta' Marija Annunzjata, jitqassam l-ikel lill-fqar u ssir il-Quddiesa Kantata ta' nhar il-Festa, u wkoll biex ikun jista' jinxtegħel il-lampier fis-Sibtijiet u fil-Festi. Il-Kappillan ta' Birkirkara, Dun Filippu Borg, kien jiġi jqaddes f'din il-knisja biex ikompli d-drawwa li kellhom il-kappillani ta' qablu. Iżda Dun Filippu Borg ma għamilx dan biex ikompli d-drawwa biss, iżda wkoll billi hu kien minn Ħal Balzan. Barra milli dejjem qeda dan id-dmir, ħalla wkoll biċċa art ħdejn ir-Rabat, magħrufa b'Ta' Seudet, biex kull sena titqaddes quddiesa nhar il-festa.

Fl-atti tan-nutar Ferdinando Zarb tas-26 ta' April 1608, Ġużeppi Chetcuti ħalla legat biex fil-ġimgħat tar-Randan issir quddiesa letta. Anki Damjan Borg, imlaqqam "l-Ispanjol", ħalla legat biex jinxtegħel lampier fil-ġranet tas-soltu. Dun Ġwann Borg ħalla fit-testment, li sar għand in-Nutar Ġian Pawl Ellul nhar it-13 ta' Frar 1637, somma flus biex titqaddes quddiesa f'din il-knisja.

X'ġara mill-Knisja ta' Marija Annunzjata meta bdiet isservi l-Knisja Parrokkjali l-ġdida

Wara li l-knisja parrokkjali l-ġdida ta' Marija Annunzjata tbierket solennement nhar it-23 ta' Jannar 1695, l-interess f'din il-knisja antika beda jonqos tant li l-Isqof Vincenzo Labini ipprofanaha fis-6 ta' Mejju 1804.



Iżda l-Balzanin dejjem kellhom għal qalbhom din il-knisja u nefqu 48 skud u 8 tarì għall-materjal biex irranġawha u x-xogħol sar b'xejn. Is-saqaf tranġa u reġgħet tbierket fl-1818.

F'din il-knisja baqgħet tkun ċċelebrata quddiesa letta nhar il-25 ta' Marzu.

Fl-1951 din il-knisja damet xahrejn tintuża kuljum billi fil-Knisja Parrokkjali kien qed isir il-paviment tar-rħam.

Fis-snin 1950, sas-sena 1960, f'din il-knisja kien isir it-tagħlim tad-Duttrina mill-membri nisa tal-Museum.

Restawr tal-Knisja

Fis-snin 1998-99 Valent Chetcuti u Ġorg Muscat ħadu ħsieb joborxu l-ħitan ta' din il-knisja u ġibuha fl-istat oriġinali tagħha. Meta sar il-brix tal-ħitan ħareġ il-bieb li minnu wieħed kien jista' jgħaddi għall-Knisja ta' San Anard, u ma' dan inkixfu wkoll għadd ta' graffiti.

Il-Knisja ta' Santu Rokku

Kif f'kull belt jew raħal ta' Malta ssib knisja ddedikata lil Santu Rokku, hekk ukoll issib waħda żgħira f'ġieħu f'Ħal Balzan. Anzi nistgħu ngħidu li l-Balzanin kienu minn ta' l-ewwel li ħasbu biex jibnu knisja lil dan il-qaddis. Il-mistoqsija toħroġ waħiedha: "Mela meta nbniet din il-knisja?"

L-istorjografu Pietru Pawl Castagna jikteb: "F'din il-ħabta (bejn Ġunju 1592 u Settembru 1593) inbniet il-knisja ta' Santu Rokku fil-Belt Valletta, f'Birkirkara, f'Ħaż-Żebbuġ u f'Ħal Balzan. Achille Ferris u Mons. Prof. Arturo Bonnici, jgħidu li kif f'Malta spiċċat l-epidemija tal-pesta, li kienet bdiet f'Ġunju 1592 u spiċċat f'Settembru 1593, u li fiha mietu mat-3,800 ruħ, saru funzjonijiet ta' radd il-ħajr lill-Mulej u saret purċissjoni bir-relikwa tal-Veru Linju (tas-Salib Imqaddes), id-Driegħ ta' San Ġwann il-Battista u relikwi oħra li kellu l-Ordni ta' Malta dak iż-żmien. Saru wkoll purċissjonijiet f'bosta bliet u rħula u nbnew knejjes li ġew iddedikati lil Santu Rokku, fosthom dawk tal-Belt Valletta, ta' Birkirkara, ta' Ħaż-Żebbuġ u ta' Ħal Balzan.

Fl-1592 in-nies ta' Ħal Balzan kienu jgħoddu mat-300, joqogħdu f'60 dar. Meta raw li l-epidemija tal-pesta kienet qed tixtered mal-gżira kollha, talbu b'ħerqa kbira lil dan il-qaddis biex jinħelsu minn dan il-flaġell. F'dik iċ-ċirkustanza l-Balzanin għamlu wiegħda li jekk jinħelsu mill-pesta jibnu knisja u jiddedikawha lil Santu Rokku. Fir-relazzjoni tal-viżta li kien għamel l-Isqof Gargallo nhar l-4 ta' Diċembru 1601 insibu: "Din il-knisja għadha kemm inbniet fi żmien il-pesta bi flus in-nies ta' dan ir-raħal." Tkompli ssaħħaħ dan it-tagħrif l-iskrizzjoni li hemm minquxa fis-saqaf ta' din il-knisja li tgħid: **M.S.S. Hoc opus fecit 1593.**

Il-Knisja minn barra

Meta wieħed jistudja l-kitbiet li ħallewlna l-Isqfijiet dwar il-viżti lil din il-knisja naraw kemm kienu milqutin mill-bini u l-ornamenti minquxin fil-ġebel.

- L-Isqof Balaguer jgħidilna li l-bieb tal-knisja jħares lejn it-Tramuntana, li fiha żewġ twieqi: waħda tħares lejn il-Punent u l-oħra lejn il-Lvant. Fiha fil-faċċata gwarniċ ornamentali. Iċ-ċinta tal-faċċata tispiċċa bi gwarniċ li fuqu fin-nofs hemm salib tal-ġebel fuq pedestall. Fin-nofs tal-faċċata hemm tieqa tonda tal-ġebel imdawra bi gwarniċ u f'nofsha disinn ta' l-istess ġebel magħmul b'mod li jidħlu l-arja u d-dawl u fl-istess ħin ma jista' jgħaddi ħadd minnha. Fuq barra ta' dit-tieqa hemm gwarniċ kwadru, u n-naħa ta' fuq, imqiegħed forma ta' triangolu, gwarniċ ieħor tal-ġebel li fil-vojt tiegħu għandu warda tal-ġebel ukoll.
- Il-bieb hu wkoll imdawwar bi gwarniċ tal-ġebel u n-naħa ta' fuq tal-bieb tisporġi ftit jew xejn wiesgħa. Fil-ġnub tal-knisja nsibu tliet imwieżeb joħorġu sewwa 'l barra fuq kull naħa. Nosservaw ukoll ir-rużuni fil-ġnub tal-knisja li kienu jservu biex fuqhom jirpużaw l-arbli tal-bnadar li kienu jittellgħu nhar il-festi.
- Meta l-Isqof Vincenzo Labini għamel viżta lil din il-knisja nhar l-4 ta' Ġunju 1783 osserva li t-tieqa tal-ġenb li tagħti għat-triq kienet ftit baxxa, u għalhekk talab li titgħolla.

Quentin Hughes dwar din il-Knisja

Quentin Hughes, kittieb magħruf fuq il-bini f'Malta, kiteb fuq din il-knisja, *"St. Roch at Balzan (1593) has the usual rectangular nave with a lower and narrow choir built on the east end, about half as long as the nave and contemporary with it. Six water spouts throw the rain water clear of the nave and choir walls. The sides and the east end are severely plain, except for a rectangular window with a moulded architrave and a flat detached cornice on the middle of the south wall of the nave, and a circular opening with a moulded architrave and a flat detached cornice on the middle of the south wall of the nave, and a circular opening with a plain circular architrave at the east end, but the west end, being the façade, is treated with more elegance. It is a well proportioned block with usual central door and circular window above, crowned by a shallow pitched raking cornice built up of several mouldings and overhanging at the eaves where it is not returned down the side of the nave. The door architrave consists of flat planes and a shallow cyma reversa and, with its detached canopy, is similar in arrangement to the south window of the nave. The circular window is treated with novelty: it has a graceful latticed infilling of overlapping semicircles and its flat masonry frame is enclosed in a square moulded panel. The square is, in turn, surmounted by a form of triangular pediment enclosing a circular flower in its field, but the naive pediment is far too small for the square frame which it crowns and its extremities barely overlap the inner mouldings of the square." (The Building of Malta 1530-1795)*

Il-Knisja minn ġewwa

Kif tidħol fil-knisja għajnejk imorru dritt fuq il-faċċata fejn hemm l-apside. Fl-apside ma nżammx l-istil nofs tond li jispiċċa b'arzella, iżda hija ta' għamla rettangolari mifruda mill-bqija tal-knisja minn arkata, u l-art tagħha hi merfugħa b'għoli ta' tarġa. Apside bħal din insibuha fil-knisja ta' San Bażilju, l-Imqabba, u f'dik taċ-Ċappuna, il-Marsa.

Is-saqaf għandu forma ta' nofs tond. Minn ħnejja għal oħra hu ffurmat minn 36 ġebla u għandu l-għamla ta' gwarniċ rettangolari. Għad li hu żgħir, jixbah ħafna lis-saqaf tas-sagristija tal-Katidral ta' l-Imdina.

Il-paviment hu magħmul minn għadd ta' ċangaturi ta' sittax-il pulzier kwadru kull waħda. Taħt l-apside, il-paviment jogħla għoli ta' tarġa.

Il-kwadru

L-ewwel tagħrif dwar il-kwadru nsibuh fil-viżta li l-Isqof Cagliares għamel nhar it-28 ta' Novembru 1615. Hu jgħid li f'dan il-kwadru hemm impittra x-xbihat ta' Santu Rokku, San Pawl Appostlu u San Bastjan. Il-kwadru li naraw illum sar fis-sena 1872 u ħallas għalih Pawlu Cachia.

Xogħlijiet ta' restawr u sejbiet ta' graffiti

Fis-sena 1983 għadd ta' rġiel u żgħażagħ Balzanin li kellhom għal qalbhom il-patrimonju tar-raħal daħlu għax-xogħol li, fil-ħin liberu tagħhom, jirrestawraw din il-knisja ta' Santu Rokku. Bdew billi neħħew l-istrati kollha tat-tibjid li saru maż-żmien, xogħol ta' paċenzja kbira u ta' attenzjoni bla qies, l-aktar meta minn taħt it-tibjid bdew jitfaċċaw il-graffiti. Iżda ma qatgħux qalbhom, anzi kienu sigħat ta' entużjażmu kbir hekk kif xi ħadd minnhom kien jiskopri xi waħda minn dawn il-graffiti ta' xwieni ta' l-Ordni ta' San Ġwann, idejn, slaleb ta' kull daqs u għamla, u graffiti oħra li m'hux lakemm tagħraf x'inhuma malajr.

Il-Knisja ta' San Anard

Għad li din il-knisja llum saret dar, il-kostruzzjoni tagħha għadha hemm kollha kemm hi; mhux biss il-faċċata għadha oriġinali, iżda ġewwa nsibu l-ħnejjiet tal-knisja mhux mimsusin, allavolja taħthom hemm mibnijin il-ħitan ta' l-intrata u tal-kamra laterali.

Il-ħitan tal-ġnub tal-knisja għadhom kif kienu, tant li għadu jidher sewwa l-bieb li minn ġewwa kien jagħti għall-knisja l-qadima ta' Marija Annunzjata.

Din il-knisja nbniet bejn l-1575 u 1601 fejn qabel kien iċ-ċimiterju tal-knisja ta' Marija Annunzjata. Din fiha artal wieħed dedikat lil San Leonardu, konfessur.

Id-daqs ta' din il-knisja hu ta' tliet ħnejjiet, il-bieb iħares lejn il-Punent u fin-nofs hemm tieqa.

Il-knisja bnieha Leonardu Hagius minn Ħal Balzan minn flusu, u mill-flus li kien jiġbor mingħand in-nies li kellhom devozzjoni lejn San Anard.

Din il-knisja kienet għal xi żmien traskurata u għalhekk insibu li l-Isqof Vincenzo Labini, nhar is- 6 ta' Mejju 1804, iddikjaraha profanata. U billi din il-knisja kienet ġuspatronat, il-propjetarju bidilha f'dar residenzjali. Tgħid għad wieħed jara restawrata u fl-istat oriġinali tagħha? B'hekk, f'Ħal Balzan, Triq it-Tliet Knejjes jista' jerġa' jkollha l-knisja li jonqosha. ❑